

## **ARTIKOLU**

1. Fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 98y tal-Kodiċi tal-Komunikazzjoni Elettronika, fi ħdan id-Digriet Leġiżlattiv 259 tal-2003 kif emendat, il-kliem “Riċevituri tar-radju tal-karozzi tal-konsumatur magħmula disponibbli” huwa preċedut mit-test li ġej: “It-tagħmir kollu bil-kapaċità ta’ konnessjoni mal-internet u/jew mgħammar b’apparat tal-hardware li kapaċi jdoqq kontenut tal-awdjo, installat abbord vetturi ġodda tal-kategoriji M u N u kwadriċikli ġodda tal-kategoriji L6e u L7e u disponibbli fis-suq għall-bejgħ jew għall-kiri, irid ikun adattat ukoll biex jirċievi xandir tal-awdjo sabiex jippermetti lill-utent jirċievi u jisma’ servizzi tar-radju pprovduti permezz ta’ xandir terrestri analoġ u diġitali DAB+. Il-manifatturi, l-assemblaturi, l-iżviluppaturi u l-importaturi, meta jqiegħdu tali tagħmir fis-suq, għandhom jiżguraw li dan jinkludi funzjonalità li tippermetti lill-utent jimmodifika l-konfigurazzjoni tiegħu liberament u faċilment, fi kwalunkwe ħin, u għandhom jiżguraw ukoll ir-riċeviment xieraq tar-radju diġitali, inkluż meta jwettqu aġġornamenti tal-firmware u tas-software.”